# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru: 980/22 TA**
**Fl-atti ta' Mandat ta' Sekwestru numru: 1269/2022**

**Joseph Spiteri (ID 570155M)**

**Vs**

**Carmen Spiteri (ID 465460 M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Carmen Spiteri (ir-rikorrenti) tal-24 ta' Ottubru 2021.

Rat ir-risposta ta' Joseph Spiteri (l-intimat) tal-15 ta' Novembru 2021.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet lill-partijiet jixhdu fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli konsulenti tal-partijiet.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera.*

**Konsiderazzjonijiet**

Jibda biex jiġi rilevat li l-mandat inkwistjoni huwa wieħed eżekuttiv u ġie maħruġ abbażi ta' taxxa tal-ispejjeż wara Sentenza tal-Qorti tal-appell Superjuri datata

tat-18 ta’ Lulju 2022. L-ammont mertu tal-mandat huwa dak ta’ sebgħa mija u disgħin punt zero tnejn tal-ewro (€790.02). Din kienet proċedura magħmula mir-rikorrenti f’saga ta’ proċeduri, fost oħrajn dak ta’ żgumbrament tagħha mid-dar matrimonjali b’konsegwenza tas-Sentenza imsemmija.

Ir-rikorrenti targumenta li skont is-Sentenza f’ismijiet inversi tal-14 ta’ Diċembru 2018, konsistenti f’kawża ta’ separazzjoni, hi ukoll għandha tirċievi flejjes mingħand l-intimat. Anzi, targumenta li hi għandha tieħu aktar minnu u għalhekk, anke wara li jiġu paċuti l-ispejjeż reċiproci, l-intimat jibqa’ debitur tagħha peress li hi għandha tieħu aktar.

Kwantu għall-ispejjeż f’dik il-Kawża il-Qorti provdiet hekk:

*“tal-ispejjez li ghandu jigi kollu addossat, <u>in kwantu ghall-ewwel istanza, lill-konvenut</u>;*

*Tichad l-appell incidentali.*

*L-ispejjez tal-Ewwel Istanza kif issemma; dawk tal-<u>appell principali jithallsu nofs minn kull wiehed</u> u wahda mill-partijiet u dawk tal-<u>appell incidentali mill-istess appellant incidentali</u>.*” (Emfażi Tal-Qorti).

L-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta’ Malta jipprovdi għall-proċedura speċjali kif jista’ jitħassar att eżekuttiv, sew għal kollox jew f’parti minnu. Il-liġi tipprovdi li att eżekuttiv jista’ jitħassar minn qorti “għal raġuni valida skont il-liġi”. Dawn il-Qrati jagħllmu li taħt dik id-dispożizzjoni, att eżekuttiv jista’ jiġi attakkat biss, meta ‘*ikun inħareġ minn Qorti żbaljata’ jew ‘jekk ikun hemm xi difett fil-forma’*. Il-kliem ‘*għal raġuni valida skont il-liġi’* huma żgur iktar wesgħin minn dawk iż-żewġ każijiet. F’dan ir-rigward hu rilevanti d-digriet li tat il-**Prim’Awla**

**fit-28 ta' Mejju, 2010 fl-ismijiet Dr John Refalo nomine -vs- The Motor Insurance Pool**:-

"Tassew illi mandat esekuttiv jista' jitħassar taħt l-art. 281 minħabba difett fil-mandat innifsu jew fil-ħruġ tiegħu, u mhux minħabba difett fit-titolu esekuttiv li bis-saħħa tiegħu ikun inħareġ; dan ma jfissirx iżda illi d-difetti li jwasslu għat-tħassir tal-mandat jistgħu jkunu biss l-inkompetenza tal-qorti li tkun ħarġitu jew difett fil-forma. Jekk mandat jinħareġ kontra min ma huwiex debitur taħt it-titolu esekuttiv, il-mandat ikun inħareġ ħażin u din tkun "*raġuni valida skond il-liġi" għala l-mandat għandu jitħassar taħt l- art. 281 għax b'hekk ma jkunx qiegħed jiġi attakkat it-titolu nnifsu, iżda biss il-ħruġ tal-mandat"*.

Issa huwa ċar, li l-mandat inkwistjoni huwa maħruġ abbażi tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Lulju 2022 u mhux abbażi tas-Sentenza tal-14 ta' Diċembru 2014. Veru li dawn il-proċeduri saru in eskuzzjoni ta' dik is-Sentenza iżda xorta jibqgħu distinti għaliex it-taxxa tal-Qorti li qed tkun esegwita hija għal kollox differenti minn dik annessa mar-rikors promotur. Huwa veru ukoll li huwa oġġettivament verfikabbli li skont is-Sentenza ta' Separazzjoni, ir-rikorrenti għandha tieħu aktar mingħand l-intimat milli hu mingħandha. Imma ai fini tas-Sentenza suċitata ta' **Dr. John Refalo**, b'debitur il-Qorti kienet qed tifhem b'debitur li kien ikkundannat u mhux xi persuna li tkun ġiet indikata b'mod żbaljat. Irid ikun kontradittur fl-atti u mhux debitur f'sens ġenerali kif jidher li huwa l-intimat.

Fil-waqt li din il-Qorti tifhem l-esasperazzjoni tal-intimata, minn naħa l-oħra ma ottika ġuridika ma tistax taqbel mal-argumenti tagħha. Kien ikun xorta oħra

kieku per eżempju l-intimat kien qiegħed jesegwixxi taxxa kontra tagħha b'konsegwenza tal-istess Kawża ta' separazzjoni. F'dak il-każ, il-Qorti kienet tħares lejn it-talbiet tagħha b'mod favorevoli. Imma t-titolu li qiegħed jesegwixxi l-intimat, għalkemm b'konsegwenza għall-proċeduri li kellhom bejniethom il-partijiet, jagħti lok għal titlolu ġdid u indipendenti minn dawk li l-proċeduri, li nisslu t-taxxa esebita mir-rikorrenti (a' fol 28).

L-argument ta' tpaċija kien forsi jkollu saħħa, kieku t-titolu li abbażi tiegħu inħareġ il-mandat odjern, li anke huwa kkollazzjonat, kien l-istess wieħed għaż-żewġ partijiet. Il-kliem għal *"raguni tajba fil-ligi"* f'artikolu 281, ma għandhomx jitwessgħu b'mod, li kważi kważi jsir impossibbli li jiġi esegwit mandat esekuttiv, bil-perikolu li dan li jġib miegħu għall-eżekuzzjoni mnissla minn ġudikat.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjeż ta' dan l-episodju fiċ-ċirkostanzi jibqgħu mingħajr taxxa.

**Illum 22, ta' Novembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**